Salesian Theatre

- Sliema -

Script Nos : 396

ANNA FERRIS — ASSISTENTA TAL-PRODUZZJONI

"Ż B A L L   T A L - P I N N A"

Kummiedja f'att wieħed

ta' Ronald Mitchell

Addattata għal Palk Malti minn

Paul De Bono

- o - o - o - o - o - o - o -

Dedicated to my very trusted friend.

Paul De Bono
19th February 1985

Karattri li jieħdu sehem:

ROŻINA GAUCI

GERIT REFALO

MOSE AGIUS

IL-KAPTAN PORTELLI

IL-PERIT PERALTA

LORETU XUEREB

MANANNI BORG

POST : Fit-triq quddiem ħanut żgħir li jservi wkoll bħala Posta fir-raħal ta' l-Imġarr f'Għawdex

ŻMIEN: 1955

XENA : F'nofs ix-xena fuq wara jidher il-bieb tal-Posta, b'żewġ tarġiet quddiemu. Hemm tieqa fuq kull naħa tal-bieb u taħthom hemm bank għall-użu tan-nies tar-raħal. It-twieqi jistgħu ikunu żgħar u bil-purtieri minn ġewwa. Jista jkun hemm jidhru xi affarijiet fuq xkaffef biex wieħed jieħu l-indikazzjoni li mal-Posta hemm ħanut żgħir. Mal-bieb fuq ġewwa jkun hemm qanpiena mdendla li ddoqq kull darba li jinfetaħ il-bieb.

Biex tinħoloq atmosfera ta' ġurnata xemxija meta tinfetaħ il-purtiera jista jkun hemm in xena xi tfal jew jilgħabu l-passju jew logħob ieħor bħall żibeġ jew bocci. Dawn it-tfal kull tant jistgħu jintużaw, għal kontra xeni, kull tant ġejjin għand tal-ħanut biex jixtru u joħorġu b'xi flixkun ħalib f'idejhom jew qartas kbir.

Scene 1

ROŻINA (Tidher fil-bieb tal-Posta b'ittra f'idejha. Waqt li tibqa taqra timxi lejn il-bank u tpoġġi bilqedha. Waqt li tkun qed taqra kulltant tidħaq għal dak li tkun qrat.)

GERIT (Toħroġ mil-Posta taqra ittra wkoll filwaqt li tmur tpoġġi ħdejn Rożina. Waqt li tkun qed taqra kulltant tħares biċ-ċiera u b'leħen ta' ħniena kull tant tibda tgħid)

Jaħassra! .... Kif jista jkun!! .... Jaħassra!

(Jibqaw sejrin qed għal ftit ħin. Waħda tidħaq u l-oħra ddispjaċuta)

ROŻINA (Tħares lejn Gerit) Xi aħbar ħażina Gerit ? Ġorġa

GERIT (Titwi l-ittra tagħha u titfaħha fil-but) Le, le. Imma ħasditni. Irċevejt minn għand ir-raġel t'oħti. *Moves towards Rożina

ROŻINA Mingħalija li kont għidtli li ma tantx iħobb jikteb.

GERIT Fejn jista jevita, jevita. Donnu kellek affarijiet tad-daħq f'tiegħek.

ROŻINA Kitibli l-kuġin tiegħi minn Malta. Talabni nisilfu ħamsa w'għoxrin lira.

GERIT U se tislifhomlu allura ?

ROŻINA Santa Marija, mela x'ngħamel. L-anqas jekk ngħamel elf wegħda ma neħodhom lura minn għand dak. Darba sliftu ħames liri ...

GERIT U bqajt mingħajrhom żgur ...

ROŻINA Mela, ħadthomlu.

GERIT Kif imnexxielek ?

ROŻINA Kont domt ftit mhux ħażin sakemm xrobtomlu. Kont stennejt sa kemm jerġa jitlobni, għax wiċċu jtiħ kieku tafx, u wara xi tlit xhur daħal fin-nassa. Mela kien reġa talabni biex nisilfu ħmistax-il lira oħra, u jien għidtlu li jekk jgħatini l-ħames liri li kont sliftu qabel, kont lesta li flok ħmistax il-lira nisilfu għoxrin.

GERIT U l-ħames liri tgħahomlok ?

ROŻINA Jekk taqta wkoll, imma l-għoxrin lira baqa mingħajrhom.

*JIDĦOL MOSE

GERIT Mur ara kemm temtem meta sab ruħu b'xejn eh ? Isma ara veru għandu wiċċu jaqalaw biex issa qiegħed jitolbok ħamsa w'għoxrin lira oħra wara dak kollu.

(Jidħer Mose fil-bieb tal-Posta jaqra ittra)

Ara x'qala l-baħar Roż.

ROŻINA Iva rajtu hemm ġew qabel, jippilla għax qabżu xi ħadd, għax dan jippretendi li hu xi ħaġa wkoll.

GERIT Dawn li jgħamlu erba tijiem imsiefra jiġu lura b'ħafna pulikarja.

ROŻINA U mur ara x'seta tgħallem bħal dak qalb erba kangaruni.

GERIT Hi għarem hej. Mela l-ommu nsejtha. Dik għax kienet minn Malta lilna kienet tarana nemel għax Għawdxin. Dan kollu għax kienet taf ġiex kelmiet bl-Ingliż. Umbagħad wara kollox Għawdxi żżewġet, Alla jgħatiħ il-glorja tas-sema.

Both Move towards Mose

ROŻINA (Lil Mose) Jaqaw kitbulek ta l-Istralja Mose ?

GERIT (Tersaq lejh biex tara x'hemm fuq l-envelope) Le dik mhix mil-Awstralja, għax bolla ta' Malta hemm fuq l-invilops. Tidher importanti Mose, għax l-indirizz bit-timprajter miktub.

MOSE (Irrabjat) Mela x'jgħamlu, hekk baqa wkoll. L-anqas jekk naf li nonfoq kull sold li għandi imma niġġibdilhom

(Jaffeg l-ittra ballun u jitfaħħa vicin Gerit)

**GERIT** Il-mniel x'qata tajtni Mose.

**MOSE** X'wicc għandhom .... propju minn nofs il-ġnien tal-laring li għandi ! Imma inthom taħsbu li dan sew ?

**ROZINA** Ngħidlek jekk hux sew jew le, jekk l-ewwel inti tgħidli x'hinu għaddej minn nofs il-ġnien tal-laring tiegħek !

**MOSE** Triq !

**GERIT** Triq ? Imma l-aħħar li għaddejt minn hemm certa li kien hemm ebda triq !

**MOSE** Imma kemm int stupid ! It-triq mhux hemm qedha, imma fl-ittra hemm miktub li jridu jgħaddu triq propju minn nofs il-gnien tiegħi ! Sewwa, dan ifisser li biex insaqqi l-laring kollu irrid naqsam it-triq u fuq kollox nissogra li t-tajjarni xi karozza ... fil-gnien tiegħi stess!!

**GERIT** U allura ngħid jien għal fejn se tgħati din it-triq ?

**MOSE** Jien x'jimpurtani għal fejn se tgħati, li jimpurtani hu li se tgħaddi minn nofs il-ġnien tiegħi!

(Jidħol il-Kaptan Portelli mil-lemin u jissemma)

**ROZINA** Allura int se tħallihom ?

**MOSE** Mela x'ngħamel. Miegħi ma jiccajtawx, għax l-anqas jekk nibqa niġġieled bil-qrati għaxar snin, na naqtax qalbi qabel tgħaddi tiegħi! Skond il-liġi għandi kull dritt li nwaqqafhom.

**ROŻINA** Allura la taf li tista twaqqafhom, għalfejn qed tgħamel dan l-istorbju kollhu.

**MOSE** Għax anke l-fatt li daħlitilhom f'moħħom din l-idea huwa skandlu kbir. Dan kif qabdu u daħħlu f'moħħom li jistaw jgħaddu triq minn nofs il-ġnien tal-laring tiegħi mingħajr l-anqas biss l-ewwel almenu jistaqsu lili. Nixtieq naf il-pajjiż fejn ser jispicca jekk nibqaw sejrin hekk.

**PORTELLI** Fejn tridu jispicca l-pajjiz jekk ma jkunux jistaw jiftħu toroq ġodda mħabba nies bħalek ?

**MOSE** Jiena naqbel perfettament illi jiftħu toroq ġodda, għax hawn f'Għawdex għandna bżonnhom ħafna (b'rabja) imma mhux f'nofs il-ġnien tal-laring tiegħi, dan noġġezzjona għaliħ bl-aħrax.

**PORTELLI** Mhux kullħadd joggezzjona li jgħaddu mil-propjeta tiegħu, u propju għalhekk l-Awtoritajiet jaqbdu u jieħdu l-artijiet biex isiru toroq godda, ikunu ta min ikunu, inkluż tiegħek.

**MOSE** Imma għaliex minn nofs il-ġnien tiegħi? Għax ma jgħaddux minn nofs l-għalqa ta' xi ħadd ieħor ? Jiena ġibt sigar tal-laring prim minn barra u nfaqt flus kbar għalihom. Kieku jgħaddu mil-għalqa ta' Sidor mhux aħjar, dak ħlief ħaxix ħażin u ġebel ma hemx fiha.

**GERIT** Imma ngħid jien, mil-injoranza tiegħi, din trid tgħaddi minn għand xi ħadd ieħor ukoll.

**ROŻINA** Għaliex ?

**GERIT** Tajba din, jekk jgħaddu t-triq minn tarf tal-ġnien ta' Mose sat-tarf l-ieħor, din it-triq ma tantx se tiġi twila. Naħseb li din it-triq trid tiġi minn x'imkien u tispicca x'imkien

iehor. Sa fejn naf jien it-toroq għalhekk qedhin.

PORTELLI Qatt ma kont ngħamlek li għandek moħħok jilħaqlek daqshekk Gerit.

ROZINA Imma l-ittra Mose biss irceviha.

PORTELLI Ittra ?

MOSE Mela x'hinu. Hemm ara fejnha. Jekk trid taqra aqra. (Juriħ l-ittra fl-art. Portelli jiġborha) Imma għax kelli nkun daqshekk sfurtunat li propju jgħażlu l-ġnien tiegħi biex jgħaddu it-triq minnhu. Hemm tant postijiet minn fejn jistaw jgħaddu.

GERIT Isma Mose, dawn nies li jafu x'hinuma jgħamlu. Forsi riedu jgħaddu t-triq hekk, għax hekk l-anqas li jolqtu propjeta tan-nies.

MOSE Sewwa, allura jgħaddu minn nofs il-ġnien tiegħi biex ma jolqtux il-propjeta ta' ħaddieħor. Jien l-eroj ħej !!

GERIT Jiena naħseb li se jgħaddu minn nofs il-ġnien mhux għax iridu jeqirdulek is-siġar tal-laring, imma għax kien hemm bżonn hekk.

Out to Post office

PORTELLI (Jispicca jaqra l-ittra, jitwija u jitfaħħa fil-but) Aħjar nidħol sal-Posta biex nara jekk hemx xi ittra għalija wkoll. (Jiġbed lejn il-bieb tal-Posta waqt li jibda jsaffar)

GERIT Ara kemm nidħqu jekk il-Kaptan Portelli jsib li hu wkoll għandu ittra fejn jgħidulu li jridu jgħaddu t-triq mil-guest house tiegħu. Dak kieku żgur jikteb lir-Reġina biex tidħol għalih.

ROZINA Le dak mhux se jwaqqawlu l-guest house għax umbagħad nitilfu kemm turisti kif ukoll Maltin milli jiġu jqattu ix-xhur tas-sa f'Għawdex.

MOSE Sewwa, l-guest house tal-Kaptan Portelli ma jwaqqawiex biex ma' nitilfux turisti għal ftit xhur fis-sena, u jien il-ġnien tiegħi bis-siġar tal-frott is-sena kollha biex ikolli x'nesporta għal barra, jgħadduli minn nofsu !

*Jidhol Peralta

ROZINA Imma issa dan mhux kollhu żejjed Mose, fl-aħħar mill-aħħar dawn li jridu huma jgħamlu.

(Jidħol il-Perit Peralta mil-lemin. Raġel pulit u edukat.)

PERALTA Skużawni, ma tistawx tgħiduli fejn hi l-posta ta' dan ir-raħal jekk jgħoġobkhom, hux ?

ROZINA Hawn sinjur, f'dak il-bieb.

PERALTA Ara l-anqas kont indunajt biha. Qed nistenna telefonata mportanti hemmhekk u tgħidx kemm ili ndur biex insib il-post. Nirringrazzjakhom u skuzawni li nterrompejtkhom.

ROZINA Ma gara xejn sinjur. Ikollok bżonn xi ħaġa staqsina dejjem.

PERALTA Grazzi, ġentili ħafna. (Jidħol il-Posta)

GERIT Kemm hu gustuż u pulit. Min jaf min hu.

ROZINA Tgħid ġie għall-villagetura Mose ?

MOSE Issa jien x'jimpurtani għal x'hiex ġie u min hu. Għandi biżżejjed fuq hiex naħseb. Jekk ma ngħamilx xi ħaġa rovina se taqa fuqi. Din kien jonqosni llum. (Joħroġ il-barra irrabjat mix-xellug)

GERIT Povru Mose ! Kemm ħada bi kbira.

ROZINA Insomma dak kollox bi kbir jgħamel. Għandu jkun jieħu ġost jitgħaġġeb.

l - lemin

GERIT (Titawwal lejn ~~ix-xellug~~) Ara wasal il-vapur minn Malta. Imxi naraw min ġie llum, għax issa bdew ġejjin turisti mhux ħażin.

ROZINA Ġew erba Ġermaniżi l-bieraħ tgħidx kemm betilhom flokkijiet tas-suf, u qlajt ġiex liri sew magħhom ukoll.

GERIT Halli għalik int, ma' tafx tisloħom lin-nies. Mur ara kemm għaffigt bl-Ingliż magħhom eh.

ROZINA U nsomma ma fehmu xejn żgur, għax bil-Germaniż biss jitkelmu. Imma kellhom diżżjunarju tajjeb magħhom, imnalla kien hu għalija.

GERIT Diżjunarju ?

ROZINA Mela x'hinu, huma bdew jitkelmu bil-Germaniz u lili għidli x'qed jgħidu bil-Malti.

GERIT (Tidħaq) Interpretu mela dizzjunarju !

ROZINA Sa fejn naf jien Gracie tiegħi meta tfittex xi kelma ta' lingwa oħra li ma tafiex f'dizzjunarju tgħid li tfitxa.

GERIT U x'għandu x'jaqsam Roż. Ara imxi mmorru għax se jilħqu jitil[illegible] (Joħorgu mil-lemin)

Portelli & Peralta

~~PORTELLI~~ (Joħroġ mil-Posta jiġbed lil Peralta minn idejh) Ma nistawx nitkelmu hemm ġew, għax kullħadd ikollu widnejh miftuħin biex jara x'jista jissemma. Hawnhekk ħlief nies lesti li jgħidu u jqasqsu fuq dak u fuq l-ieħor m'hawnx. (Jittawwal lejn il-lemin) Habat tajjeb li Rożina u Gerit telqu għax dawk bejniethom jiffurmaw aġenżija ta' l-aħbarijiet. Tridx inpoggu daqxejn hawn u niddiskutu l-proġet.

PERALTA Jiddispjacini imma ma nħoss li hemm x'niddiskutu.

PORTELLI Dażgur li hemm. Int trid tippjanta biex tiftaħ triq, u jien nista ngħinek.

PERALTA Imma jiena l-anqas biss nafek lilek, u wara kollox jiena għandi ordnijiet x'nobdi u nies x'inħaddem. Jiddispjacini imma nħoss li ma tista tgħini f'xejn.

PORTELLI Ara ħa ngħidlek. Int ma għandekx idea din it-triq kemm se tgħamel ħsara lil dak il-povru Mose. Se jitlef rasu jinkwieta għal dawk is-siġar tal-frott li għandu fil-ġnien li se tgħaddilu t-triq minnhu.

PERALTA M'għandux għalfejn jinkwieta għax se nħalsuħ tajjeb ħafna tal-bicca li se neħdulu.

PORTELLI (Iħares anżjuż madwaru) Ssh !! .... Tgħajjatx għax jisimek xi ħadd.

PERALTA B'daqshekk xi jkun ġara ? Mela triq publika tista żżommha sigriet.

PORTELLI Imma l-arrangamenti għandek izzommhom sigriet żgur - specjalment fir-raħal tagħna. Ara ismgħani ftit. Mose tant hu inkwietat imħabba din it-triq li kważi tilef moħħu u emminni ma niflaħx naraħ iżjed hekk. Jiena ngħid li qatt ma jista jerġa jiġi l-bniedem li kien qabel. Inti t-triq għax flok ma tgħaddija minn nofs il-ġnien ta' Mose ma tgħaddiex minn dik il-bicca art vojta li hemm fuq wara ta' dik il-guest house il-kbira ?

PERALTA Min wara x'hiex ?

PORTELLI Minn wara l-guest house il-kbira li hemm tħares lejn il-Port ta' l-Imġarr. Nies importanti minn Malta kollha jiġu fiha. Minn dik l-għalqa ta' warajha tista tgħaddi triq

u ma tkun ta' nkwiet għal ħadd.

PERALTA U din l-għalqa min hu sida ?

PORTELLI (B'entużjażmu) Jiena ! Miegħi ma jkolkhom inkwiet ta' xejn Naħseb li l-ħlas għaliha jkun l-istess, mhux hekk ?

PERALTA Jiddependi mil-kobor ta' l-art ....

PORTELLI Għoqod żgur li kbira biżżejjed. (Peralta jkun se jgħid xi ħaġa imma Portelli ma jħalliehx) Ismani ftit. Ngħid jien ... sakhemm it-triq ma tgħaddiex minn nofs ir-raħal u mħabba fiha tkun trid twaqqa salt bini u djar li ilhom mibnija s-snin ... ma tgħamilx differenza minn fejn tgħaddi, mhux hekk ? (Peralta jerġa jipprova jgħid xi ħaġa imma Portelli jkompli) Sewwa, mela allura mhux aħjar tgħamel kif qed ngħidlek jien u tgħaddi t-triq minn fuq l-art vojta tiegħi minfejn ma' tgħamel ħsara l-ħadd u tkun ta' ġid kbir għar-raħal. Inti għax ma tiġiex wasla miegħi sal-guest house, nieħdu pinta tajba flimkien u wara mmorru naraw din l-art li qed ngħidlek. Jiena naħseb li ftit dmugħ ta' għenba tajba tiehu pjaċir biħ f'din is-sħana.

PERALTA Jiddispjaċini imma meta nkun fuq xogħol ma nixrobx.

(Jidħlu lura Rozina u Gerit mil-lemin eċitati)

ROZINA Kaptan, ejja isma din !

GERIT Aqta x'rajna Kaptan !

ROZINA (Tinħasad meta tara lil Peralta) Skużani sinjur, imma ma ndunajtx li hawn int ukoll.

GERIT (L-istess) Skużana, ħsiebna li l-Kaptan kien waħdu ~~bilqedha~~ għax-xemx.

PERALTA (Pulit) Ma ġara xejn, ma ġara xejn. Bonġu għalikhom.

ROZINA Bonġu.

GERIT Bonġu.

PORTELLI (Bla sabar) Dan il-Perit Peralta. (Jintroduċi) Din is-sinjura Rozina Gauci u din is-sinjorina Gerit Refalo. Is-sinjur għand x'jaqsam mat-triq il-ġdida. Għadni kemm offrejtlu biex jgħadd t-triq minn fuq il-propjeta tiegħi, biex lil Mose miskin ma jisfrattalux dak il-ġnien tant sabieħ b'dawk is-siġar kollha tal-lariġ u frott ta' kull kwalita. (Lil Peralta) X'ngħamlu mela, immorru naslu wasla sa dik l-art biex inkejluha ?

ROŻINA Dawk il-ħafna rġiel li waslu bil-lanċa, dawk ġew biex jibdew ix-xogħol ?

GERIT Għax la kellhom għodda u l-anqas inġenji magħhom.

PERALTA Le, le. Dawk ġew biss biex inkejlu l-artijiet u nieħdu l-invelli neċessarji. Għat-tħaffir ikolna rġiel oħra.

PORTELLI Aħjar ngħaġġlu qabel jaqbdu jkejlu post ħażin ! Minn hawn sur Peralta. (Portelli jgħaġġel lil Peralta mix-xellug)

ROZINA Qed inxomm xi ħaġa tinten !

GERIT Jien ukoll.

ROZINA Dan kif f'daqqa waħda l-Kaptan Portelli għandu qalbu perzuta għal Mose ?

GERIT Il-Kaptan ma jaħrablu xejn. Dak jgħidlek, jekk tgħaddi t-triq ġdida minn ħdejn il-guest house tiegħi, jikber in-negozju.

ROZINA U taparsi ħenn għal Mose biex iġawdi hu !

GERIT Tgħid xejn aktar għax hekk hu. Min jaf kemm se jifraħ Mose.

6 DĦOL LORETU



ROZINA Tridx immorru ngħatuħ din l-aħbar tajba lil Mose ?

(Jitfacca fil-bieb Loretu, li jkun inkarigat mill-Posta)

LORETU Għal li jista jkun ma rajtux lil dak is-sinjur li wasal ftit ilu hux ?

ROZINA Għadu kemm telaq issa mal-Kaptan Portelli.

LORETU Anke ma dak qabad il-Kaptan ? (Jgħajjat il-ġewwa) Dolor, għidilhom jerġaw icemplulu daqs nofs-siegħa oħra għax mhux hawn qiegħed.

GERIT Taf għax ħadu miegħu il-Kaptan lil dak is-sinjur ?

LORETU Għal x'hiex ?

GERIT Biex jibdel id-direzzjoni tat-triq.

LORETU Hekk bella ħilkhom ? Mela dawk issa jistgħu jibdlu d-direzzjoni tat-triq. Min jaf kemm kienu ilhom jippjantaw għaliha.

GERIT Loret, il-Kaptan qalilna dan il-kliem quddiem dak il-Perit, u l-Perit ma caħadiex. Hux tassew Roz ?

LORETU X8ma caħadx ?

GERIT Li t-triq se jgħadduha minn wara l-guest house tiegħu minflok ma jgħadduha mil-ġnien ta' Mose. (B'sarkażmu) Naturalment hu ried jipperswadina li qed jgħamel dan għax qed iħenn għal Mose, imma aħna nafu x'għandu f'moħħu.

LORETU Aktar negozju għal guest house tiegħu !

ROZINA Jien ma naqbilx ma dan il-pjan, għax triq ġdida tista forsi ġġibilna aktar nies lejn ir-raħal, imma toħolqilna aktar traffiku u storbju u ħadd ma jkun irid la jiġi fil-guest house tal-Kaptan u l-anqas biex jiġu jixtru flokkijiet tas-suf minn għandi.

TIDĦOL Manannu

(Tidħol Manannu mil-lemin b'kurżita)

MANANNI Tistgħu tgħiduli x'hinu jiġri ? Staqsejt lil dawk l-irġiel li waslu bil-lanca għalxiex ġew u ma tgħawni l-ebda sudisfazzj u meta staqsejt lil Kaptan Portelli x'hinu jiġri qalli li mhux fl-interess tar-raħal li jgħati ~~ebda~~ xi nformazzjoni.

ROZINA Taf x'hinu għaddej mil-kuriduri ta' moħħi bħal issa Gerit ?

GERIT Jaqaw ?

ROZINA Jekk idawwru t-triq biex tgħaddi minn wara l-guest house tal-Kaptan, ikollhom itajru minn nofs ir-razzett ta' Manannu !

MANANNI Ir-razzett ta' min ?

GERIT Mela x'hinu. Dak qed imiss ma l-art tal-Kaptan u bilfors ...

MANANNI Inthom għar-razzett tiegħi qedhin tgħidu ?

LORETU Jekk jgħaddu triq ġdida minn wara l-guest house tal-Kaptan, ir-razzett tiegħek jiġi propju fin-nofs u jkun ta' periklu għat-traffiku.

MANANNI Periklu għat-traffiku ? għax ma nsemmux L-~~i~~ storbju ta' trakkijiet u karozzi għaddejjin minn kull naħa tar-razzett ... tilgħajn u niżlien. Ma jkolliex minuta ta' paci u mistrieħ. Mela x'ngħamel ma nħallihomx jgħaddu triq ġdida minn hemm.

ROŻINA Jekk jiddeciedu li jgħaddu t-triq minn hemm ikollok taccetta, trid jew ma tridx !

MANANNI Nibqalhom ġewwa u ma niccaqlaqx.

GERIT U jekk jgħatu furnell u jtgħajjru lilek bir-razzett b'kollox ?

MANANNI Jekk 'għandhomx ! Sewwa joqtlu mara f'dara biex jiftħu triq.

ROZINA Jien kieku tgħidx kemm nigri l-barra u mmur il-bogħod meta narahom ġejjin b'dawk l-ispussivi qawwija.

MANANNI Splussivi qawwija ?

LORETU Isma minni Manann u ċedi mil-ewwel. Ma dawk qatt ma ggiebha żewġ.

MANANNI (Ikkonfonduta) Imma jaħassra jekk itajjruli r-razzett, jien fejn immur noqgħod ?

(Jidħol Mose ecitat)

MOSE Sewwa smajt jien li bidlu d-direzzjoni tat-triq il-ġdida ?

MANANNI Imma jien mhux se nħallihom !

MOSE Int x'tidħol f'din il-biċċa tax-xogħol ?

MANANNI Għax imħabba l-għaġeb li għamilt int biex ma jgħaddux naqra t-triq minn nofs il-ġnien tal-larinġ tiegħek, ikollhom itajru r-razzett tiegħi b'esplussivi qawwija.

MOSE Huwa dak il-ġnien ifisser l-għixien tiegħi !

MANANNI Ir-razzett ukoll huwa l-għixien tiegħi.

MOSE Għixien sabieħ, dak il-ħmieġ li għandek.

MANANNI Ara kif titkellem fuq ir-razzett tiegħi, għax inħarkek u ntella lil dawn in-nies xud.

MOSE Iridu xahrejn biex iġibuħ fi stat li jkunu jistaw itajruħ !

LORETU Biex idumu daqshekk jaqblilhom ma jibdlu d-direzzjoni xejn u jgħaddu t-triq mil-ġnien tiegħek, Mose.

MOSE Mil-ġnien tiegħi ma jgħaddi xejn, iżjed u iżjed issa li għandi l-Kaptan Portelli jiddeffendini. Min qatt kellu jgħidli li minn tant nies kellu jkun il-Kaptan li jkun tant ġeneruż li joffri li jgħaddu minn fuq l-art tiegħu biex ma jgħamlux ħsara lili.

(Jidħol Peralta mil-lemin b'attache case f'idejh)

PERALTA (Lil Loretu) Ċempluli ?

LORETU Iva, imma billi ma kontx hawn għidtilhom iċemplulek daqs nofs siegħa oħra.

MANANNI (Taħtaf lil Peralta minn driegħu ix-xelluġija) Ara ma jfettillekx iċċaqlaq it-triq minn fejn kellha tiġi għax b'rasek idur !

MOSE (Jaħtaflu driegħu minn naħa l-oħra) Jekk nitlef larinġa waħda mil-ġnien tiegħi mħabba fik, minn demmek neħodha.

PERALTA Jiena ma nieħu ebda deċiżjoni minn fejn għandha tgħaddi t-triq. Xogħoli hu li nara l-post u ngħamel ir-rikkmandażżjonijiet.

MOSE Dak ifisser li inti tista twaqqaf il-proġett milli jgħaddi mil-ġnien tiegħi.

MANANNI Int ikollok twaqqafhom milli jwaqqawli r-razzett tiegħi.

PERALTA (B'nofs daħqa) Qatt ma naf li fil-karriera tiegħi xi darba sibt nies daqshekk diffiċli. Normalment fi proġetti bħal dan insib lil kulħadd jikkopera magħna.

MANANNI Jikkopera ?

MOSE U għaliex għandhom jikkoperaw ?

PERALTA L-ewwel ħaġa għax il-ħlas ikun xieraq ...

MOSE (Maħsud) Ħlas ?

PERALTA Il-kumpens dejjem kien tajjeb.

MANANNI )
ROZINA ) (Flimkien) Kumpens ?
GERIT )

(Pawsa waqt li kullħadd jibda jħares lejn xulxin)

PERALTA Ma nafx għax qedhin tistaġbu. Dan kollhu kien spjeġat sew fl-ittra.

LORETU Eh iva, kien spjegat fl-ittra ?

ROZINA Mela xi qrajt Mose, basta rmejta ...

GERIT Mela x'hinu, għamilta ballun u tfajta lejja.

MOSE (Iħares lejn Peralta) Stennew ftit, stennew ftit. Int semmejt kumpens... u kien spjegat fl-ittra li rcevejt jien ...

PERALTA Mela x'hinu. Xi ħsibtna lilna, nisirqu l-propjetajiet taċ-ċittadini ?

MOSE Kemm suppost li jkun il-kumpens ... irrid ngħid ... kemm taħseb li tilħaq is-somma ?

PERALTA Jiddependi. Jekk intajru maqjel mhux se nħalsu daqs razzett, u tgħaddi minn nofs ġnien jew ittajjar guest house ifisser kumpens ħafna akbar.

MANANNI Allura jekk twaqqawli r-razzett tgħatuni wieħed ġdid ?

PERALTA Ha ngħidu hekk ... bla dar ma nħallukx żgur !

MOSE U tgħalli taqsmu ġnien mimli siġar tal-frott xi tħalsu ?

PERALTA Dik tfisser somma mhux ħażin. (Move towards Peralta)

LORETU U jekk tieħdu biċċa art vojta wara guest house, xi tħalsu ?

PERALTA Dik tfisser fortuna żgħira. (Move to the side near MOSE)

LORETU (Iħares lejn l-oħrajn) Qedhin taraw ħbieb, mel'issa nafu għaliex il-Kaptan Portelli kien daqshekk karitattiv !!

MOSE Missni ndunajt li mhux se jiddefendini għal xejn b'xejn il-Kaptan.

MANANNI Issa qed nitkelmu mogħod ieħor. Jekk tħalsuni tajjeb tar-razzett lesta li noħroġ minnhu u nħallihom ittajruh bil-kwiet. Meta ~~tridu~~ jkunu nitlaq ?

MOSE Tgħaġġel xejn Manann, tgħaġġel xejn. Issa l-ewwel irrid ftit żmien biex naħsiba sewwa jien ...

MANANNI Issa ħarab l-għasfur. Int diġa oġġeżjonajt li t-triq tgħaddi minn naħa tiegħek.

MOSE Mhux amk'int oġġeżjonajt li tgħaddi minn naħa tiegħek.

MANANNI Imma int oġġeżjonajt l-ewwel.

ROZINA Jiena naħseb li għalxejn qedhin targumentaw bejnitkhom (Tħares lejn l-attache case ta Peralta) għax jekk qedha nara tajjeb, il-perit Peralta diġa qalha xi flixkun.

PERALTA (Konfus) Le dawk ma huma xejn ħlief ftit sandwiches għal dawk l-irġiel li ġew bil-lanċa.

GERIT (B'sarkazmu) Għal li jista jkun hemx xi flixkun Whisky minn għand il-Kaptan Portelli f'nofshom hux, Perit ?

MOSE (Irrabjat) Korruzzjoni fuq korruzzjoni ! La trid hekk, mela dalwaqt nirranġa kollox jien, stenna ftit. (Jitlaq mgħaġġel mix-xellug)

PERALTA (Allarmat) Fejn sejjer dak ?

LORETU Probabilment għand il-Pulizija.

PERALTA Pulizija ? Le, jaħassra żommuh. Ara ma ddaħluniex f'xi bicca mal-pulizija tafux. Ftakru li jien għandi resposabiltajiet kbar f'idejja.

ROZINA (Tipponta lejn l-attache case) Veru jew le li l-Kaptan xaħħmek ?

PERALTA (Konfuz) Riġal, riġal biss. Hekk qalli hu għalmenu.

MANANNI Mela allura flixkun dak li għandek hemm ġew.

PERALTA Iva !

GERIT Sandwiches sabiħ mela sur Peralta. (Lil l-oħrajn) Qedħin taraw kif illum lil ħadd ma tista tafda.

PERALTA (Kommoss) Qatt ma nxtrajt minn ħadd f'ħajti kollha. Qatt ma kont f'inkwiet bħal dan. Għax għandi niġi mkaxkar f'għassa tal-Pulizija propju issa ....

ROZINA Tħabbilx rasek sur Peralta. Mose mar iġiblek xi ħaġa akbar minn flixkun whisky !

PERALTA Għal fejn ?

MANANNI Kemm int baħnan ! Biex tkun tista tirranġalu biex it-triq tgħaddiex mil-ġnien tiegħu. Imma jien naf x'għandi ngħamel ukoll tafux. (Toħroġ mix-xellug)

PERALTA Emnuni li ma nistax nifhem x'hinu jiġri.

LORETU Dalwaqt tkun taf kollox. (Imur jiftaħ il-bieb tal-Posta) Naħseb li qed icemplulek sur Peralta.

PERALTA (Anzjuż) Sa fl-aħħar. Grazzi, grazzi. (Jidħol mgħaġġel il-Posta. (Loretu jgħalaq il-bieb u jibqa in xena. Jerġa jiftħu u jgħajjat)

LORETU Għandek bżonn bagoll mil-kbar issa. Ara jgħogbux xi bagoll minn dawk il-kbar nett is-Sur Peralta. (Jerġa jgħalaq il-bieb) Ma naħsibx li qed jilgħabha ta' l-iblaħ imma veru ma jista jifhem xejn.

GERIT X'taħseb li se jgħatih Mose ?

ROZINA Kieki jrid jista jgħatih xi ħaġa kbira u jixtrih biha żgur, imma dak idejh mgħaluqin aktar minn morsa.

GERIT U Mananni m'għanda xejn ... daqs kemm hi bla kont.

LORETU Imma dik għadma iebsa tafx.

GERIT Inħossni ecitata biex nara min se jirbaħ wara dan kollhu.

(Jitfacca l-Kaptan Portelli mix-xelluġ)

PORTELLI Il-perit Peralta mhux hawn qiegħed ?

ROZINA Hawn int, ja ħalliel.

GERIT Makakk li int. Sraqt l-ittra ta' Mose u taparsi ma tafx li hemm kumpens tajjeb għal min jieħdulu l-propjeta biex jgħaddu t-triq minnha ... sur innocenti ... beatu ...

PORTELLI Jien ma sraqt xejn u lil ħadd. Mhux hu rmija. Insomma fejn hu l-perit Peralta ?

LORETU Hemm ġew jirrispondi t-telephone. Issa ma tistax tfixklu. Nista nara daqxejn dik l-ittra ta' Mose ?

PORTELLI Hawn hi (Jgħati l-ittra lil-Loretu) Għadni kemm sirt naf xi ħaġa dwar it-triq il-ġdida.

ROZINA Aħna wkoll, u Mananni qedha taqbel miegħek issa.

GERIT Anke hi trid it-triq issa.

LORETU (Ikun ra l-ittra fuq fuq u jidħol fil-konverżazzjoni ma l-oħrajn) Taf xejn li l-perit Peralta se jibnila dar ġdida.

GERIT Ħafna akbar minn dak ir-razzett li għanda.

ROZINA Bit-tapiti kullumkien u għamara mill-aqwa.

PORTELLI Prosit. J'Alla nieħu xi ħaġa minnha jien ukoll.

GERIT Aħna qatt ma daħlilna f'moħħna li kont qed tħenn għal Mose.

LORETU Mela issa qedhin int u Mananni kontra Mose.

PORTELLI Aktar min n hekk. Aħna qedhin, jiena, Mananni, int Rozina u int Gerit kontra Mose. Ma taħsbux li għandna nirbħulu?

ROZINA Jiena x'għandi x'naqsam ?

GERIT Jekk taħseb li jiena se nżomm miegħek għal xejn, sejjer żmerc.

PORTELLI Għal xejn ! Propju għal xejn ! Bi djar ġodda jinbnew ma kullumkien żgur li tkunu miegħi.

LORETU Tridx tispjega ruħek aħjar għax issa sirt bniedem misterjuż.

GERIT Djar ġodda ? U dawn id-djar ta min huma ?

PORTELLI Tiegħek Gerit u tiegħek Rozina.

ROZINA Int jaqaw fis-sakra ?

PORTELLI Semplici ħafna. Għadni kemm sirt naf li jekk it-triq il-ġdida tgħaddi minn fuq l-art tiegħi u minn fuq ir-razzett ta' Mananni, tkun trid tgħaddi minn fuq il-blokk bini antik li toqgħodu fih inthom it-tnejn, jekk kemm il-darba din it-triq mhux ġejja żigużajk !

ROZINA Mela x'jgħamlu ma jwaqawliex id-dar biex jgħaddu triq ġdida.

GERIT U l-anqas tiegħi ma nħallihom iwaqqaw.

PORTELLI Ma tridux djar ġodda ?

ROSINA )
GERIT ) (Flimkien) Le.

LORETU L-anqas bi ħlas tajjeb ?

ROZINA Le l-anqas bi ħlas tajjeb.

GERIT Jien id-dar li għandi rrid.

PORTELLI Int tiegħek għanda minn żmien il-kavallieri.

GERIT Imma dik irrid.

PORTELLI (Lil Rozina) Int ilek tant tgħid li tixtieq għandek dar akbar biex tkun tista tiftaħ ħanut fiha.

ROZINA Mhux veru. Kull ma rrid huma flus biex nirranga naqra u nixtri għamara ġdida.

LORETU Ikollok flus biex tixtri l-għamara li trid għal għaxar darbiet jekk tħallihom iwaqqawlek id-dar.

ROZINA M'għandiex bżonn l-għamara għal-għaxar darbiet, għax umbagħad ma jkolliex post fejn ngħamilha.

GERIT Aktar u aktar jekk ma jkollokx dar.

PORTELLI Għiduli ħaġa, inthom it-tnejn xi ġralkhom. Qatt ma kont nafkhom li titilfu opportunita li tgħamlu sold.

LORETU Jien jekk joffruli li jgħatuni ħanut u Posta ġdida, naħtafhom.

ROZINA Mela issa qedhin inthom it-tnejn u Mananni kontra Mose u aħna t-tnejn.

GERIT U ngħamlilkhom imħatra li aħna nirbħu.

PORTELLI U għaliex ma tridux djar ġodda ?

LORETU Tabilħaqq. Għaliex ?

ROZINA Għax aħna naqilhu l-għixieħ tagħna fis-sajf u t-turisti jitgħaxqu jaraw id-djar antiki tagħna.

GERIT Antikwati imma gustuzi.

PORTELLI Antikwati u gustuzi sabiħ ! Se jaqaw u ma jaqawx trid tgħid. Għax jekk jgħamel riefnu sew, f'nofs it-triq torqdu t-tnejn li inthom.

GERIT Jekk it-turisti toġġħobhom id-dar tiegħi se taqa u ma taqax hekk se nħalliha. Jista joffrili li jrid is-sur Peralta għax kollu għal xejn.

J. Idħol Mose

ROZINA U jien l-istess.

(Jidħol Mose mix-xellug b'koxxa tal-perzut imgezwra ġo ġazzetta u marbuta bi spaga u gewlaq mimli laring)

GERIT Hawn għabbejtlu mhux ħazin Mose. Naħseb li aħjar tmur iġġib flixkun whisky ieħor Kaptan, għax aħna qed nirbħu.

MOSE Is-sur Peralta fejn hu ?

LORETU Qiegħed hemm ġew jitkellem fuq it-telephone. Aħjar tistenna ftit.

MOSE (Lil Gerit) Int x'ridt tgħid biha - għax aħna qed nirbħu ?

GERIT Għax aħna qed nirbħu ! Għax ħa ngħidlek Mose, jiena u Rozina qedhin nirsistu miegħek biex it-triq tgħaddi minn nofs il-ġnien tiegħek, għax jekk tgħaddi minn fuq l-art tal-Kaptan ikollhom iwaqqaw id-djar tgħana, u aħna dan ma rriduX li jsir.

PORTELLI (Iħares lejn il-pakkett u l-gewlaq ta' Mose). Jekk b'dik il-bicca għadma u ftit laring imkemmex li għandek taħseb li se timpressjona lil xi ħadd, jien ngħidlek li dak li nista noffri jien, int qatt ma tista tissuperaħ. (Joħroġ)

Moves towards Mose

MOSE (Lejn id-direzzjoni ta Portelli) Imma almenu jien dak li nista noffri għamiltu bl-onesta u bl-għaraq ta' ġbina u mhux bil-qerq.

follows Portelli going out.

ROZINA Tgħatix kasu Mose. Il-fatt li għandek lili u lil Gerit miegħek, ma jista għalik ħadd. Ara mela inti ġibt il-perzut u l-laring, issa naraw x'nistaw inġidu aħna biex żġur is-sur Peralta jkollu jgħaddi t-triq minn nofs il-ġnien tiegħek u tieħu somma flus. (Taħseb) Iva, naf x'nista nġiblu jien. Il-gimgħa l-oħra spiccajt naħdem ġerżi sabieħ li għamilt wara li ftaqt żewġ ġerżijiet antiki li ma kienx jilbes aktar missieri, Alla jaħfirlu.

GERIT U jien inġiblu ftit ġbejniet friski u koc tadam imqadded milli jaf jgħamel iz-ziju Gorg. Waħedhom ma humiex wisq imma meta ngħaqdu kollox flimkien żgur ma jkunx jista jirrifjuta li jaqtaħħa kif irridu aħna s-sur Peralta.

ROZINA Veru ħsibta tajjeb Gerit, mela tridx immorru nġibu kollox qabel ma jerġa jiġi l-Kaptan.

GERIT Tlaqna Roż. Issa naraw kemm ikun jista jissupera din l-offerta l-Kaptan. (Joħorġu)

LORETU Se jkun interessanti naraw x'se jiġri. Li nafu s'issa huwa żgur li l-aħjar li se jmur huwa l-Perit Peralta !

MOSE Jiena ta' l-ideja li ngħidu lin-nies tar-raħal kollhu biex jivvutaw minn fejn iridu li tgħaddi t-triq, wara li ngħidulhom bil-korruzzjoni tal-Kaptan Portelli.

PERALTA post office

LORETU Milli qiegħed nara l-korruzzjoni l-Kaptan biss qed jgħamilha wkoll ! Umbagħad wara kollox dan kollhu tort tiegħek għax ma qrajtx l-ittra sa l-aħħar kelma.

(Joħroġ Peralta fil-bieb tal-Posta bl-attache case f'idejh. Jidher ecitat)

PERALTA Cemplitli omm il-mara. Għadu kemm kellha tewmin.

MOSE Omm il-mara ?

PERALTA Le ħmar ! Il-mara. Kellha żewġ subien. Kont inkwietat fuqha u ili dawn l-aħħar ġimgħat ma kontx naf x'qed ngħamel fuq ix-xogħol. Imma issa serraħt moħħi u nista nicconcentra mil-ġdid.

LORETU Nifraħlek Sur Peralta. Allura issa li tista tikkoncentra mil-ġdid, rigward it-triq x'se tgħamel ?

PERALTA Iva bilħaqq, it-triq. Kont għoddni nsejt li ġejt Għawdex mħabba dik it-triq, bl-ecitament.

MOSE Naħseb illi dalwaqt infakkruq aħna Sur Peralta.

LORETU Għax konna qedhin naħsbu .... min jaf kieku tilwi xi ftit it-triq biex tikkuntenta lil-kullħadd ? Irrid ngħid, ma tistax tipprova tgħaddija mil-ġnien ta' Mose, iddur għal ħdejn id-dar ta' Rozina u titla ftit il-fuq għal ħdejn id-dar ta' Ġerit, umbgħad terġa tilwi għal fuq l-art tal-Kaptan Portelli u tibqa nieżla għal fuq ir-razzett ta' Mananni.

MOSE Jekk tgħamel kif qed jgħidlek Luretu tkunu tistaw tgħamlu t-tlielaq tal-karozzi fuqha wkoll, għax tiġi qiesha track tal-grand prix.

PERALTA L-idea tagħna hija biex naraw kif se niffrankaw il-flus u mhux kif imberbquhom. Jekk naħli flus il-poplu kif qedhin tissuggeruli inthom nispicca bla xogħol. Umbgħad x'jiġri minn dawk it-tewmin li għandi ? Le it-triq trid tkun dritta.

MOSE Dritt mil-ġnien tiegħi. Ha, ħoss din il-koxxa !

PERALTA Din perżuta ?

MOSE Prima kwalita. Din għalik jekk tgħaddi t-triq mil-ġnien tiegħi u dawn laring għat-tewmin tiegħek, biex tibda s-sossnihom minn issa !

PERALTA Le, żgur li le. Ma rridx naf b'korruzzjoni.

MOSE Imma minn għand il-Kaptan ħadd, u qiegħed hemm (Juriħ il-flixkun tal-whisky fl-attache case)

PERALTA Imma dak kien sempliciment riġal, gest sabiħ.

MOSE Mela dawn sempliciment riġal, gest isbaħ !

LORETU U dak m'hu xejn għadu għax kemm Rozina u anke Ġerit marru biex jaħżbulek għal xi ħaġa huma wkoll ... għat-tewmin ! U bilħaqq hemm Mananni wkoll, dik xi ħaġa għanda ssiblek ukoll, imma dik iddum daqxejn aktar biex tasal għax trid titla t-telgħa.

MOSE U dik x'tista ġġiblek aħjar minn dawn, hawn ara kollox frisk. Mananni xi annimal marid min dak il-maqjel li għandha tista

ggiblek. Ha, ħudhom, xi ħaġa għat-tfal !

PERALTA Insomma, jekk tinsisti. (Jieħu l-perzuta u l-laring)

LORETU Naħseb li issa ġej bżonn bagoll sur Perit.

PERALTA Ma nsiblekx xi wieħed hux ?

LORETU Mela le, għandi wieħed second hand, inħalliegħulek sbatax il-xelin u nofs biss.

PERALTA Jekk kull ħadd se jkun ġeneruż daqshekk, se jkolli nieħdu Loret. Kemm nixtieq immur sa Malta biex nara t-tewmin il-ġodda. Min jaf lil min ġew jigbħu ?

LORETU Ha Mose, hawn l-ittra tiegħek, u darb'oħra aqra kollha ! (Jidħol il-Posta)

MOSE Sit Down (B'kurzita lis-sur Peralta) Tridx kif qedhin waħedna nirranġaw naqra x'se ngħamlu fuq it-triq ?

PERALTA (Jaħseb fuq it-tewmin) It-triq ?

MOSE moves towards Peralta Iva, x'ser tgħamel ? Minn fejn ser tgħaddi ?

PERALTA Qabel jieħdu l-qiesin kollha n-nies tiegħi, ma nafx ezattament x'ser ngħamel. Irrid ngħid ma nafx minn fejn trid tgħaddi eżatt. (Joħroġ file mill-attache case) Sewwa mela mill-Imġarr għar-Rabat .... (Imbellaħ) Jien qed nara sew ... (Iqalleb il-karti) Imma possibbli ...... iva għaliex jiġru lili dawn l-affarijiet .... Mose, ersaq daqxejn l-hawn u ara jekk hiniex qed naqra tajjeb ..... fuq din il-paġna għandi mill-Imġarr sar-Rabat, Għawdex ..... u fuq il-paġni l-oħra għandi mill-Imġarr sar-Rabat, .... Malta

MOSE (Maħsud) Fejn ?

PERALTA Iva erġa aqra int Mose forsi għandi xi żball, għidtilkhom jien li dan l-aħħar ma kontx naf x'jien ngħamel imħabba l-kundizzjoni tal-mara.

MOSE (Iqalleb fil-file) Mġarr sar-Rabat, Malta .... Mġarr sar-Rabat Malta ....... Mġarr sar-Rabat, Malta ........ Mġarr sar-Rabat Għawdex ... veru hekk hawn miktub.

PERALTA X'waħda din, xi ġrali u xi ġrali ....

MOSE Xi ġrali jien mela int ....

PERALTA Mhux ta' b'xejn it-triq immarkata dritta fuq il-mappa. Imma allura l-ittra kif ġiet għandek ? (Iqalleb fil-file) Dik suppost marret għand xi ħadd li jismu Manwel Vassallo li joqgħod numru 185 Main Street l-Imġarr, Malta ....

MOSE U jien jisimni Mose Vassallo u noqgħod numru 145 Main Street, l-Imġarr, Għawdex.

PERALTA Mela allura inthom it-tnejn għandkhom l-inizjali ta isimkhom 'M' kunjomkhom it-tnejn Vassallo u t-triq jisimha l-istess ukoll ....

MOSE Li m'għandniex l-istess huwa li jien qiegħed l-Imġarr t'Għawdex u l-ieħor l-Imġarr ta' Malta.

PERALTA Dan veru żball tal-pinna aħrax ! Mela allura dawk l-irġiel qedhin ikejlu kollox ħażin !

MOSE Jekk l-iżball mhux qiegħed fil-paġni ta' wara flok fil-paġna ta' quddiem, allura dawk l-irġiel ma għamlu xejn ħlief xogħol għal xejn.

PERALTA Ma nafx kif ser nidher quddiem il-Principal u ngħidlu li għamilt din it-taħwida kollha. Din żgur mhu ser jaħfirili qatt.

MOSE — Jekk trid tibda minnhi, jien żgur li ma naħfirilek qatt li ressaqtni tant viċin li nkun sinjur, u issa tar kollox mar-riħ.

PERALTA — (Konfuż) Imma issa x'ser ngħamel ?

MOSE — L-ewwel ħaġa li l-aħjar li tgħamel hija li tgħatini lura dik il-koxxa tal-perzut u l-laring li tgħajtek.

PERALTA — Dawk kienu rigal ....

MOSE — Imma taħt pretenzjonijiet foloz.

PERALTA — Sempliciment rigal ... xi ħaġa għat-tewmin ... dan għidtu int stess, u Loretu kien xhud. Ma naħsibx li trid turi lil oħrajn li tlift, mhux hekk ?

MOSE — (Jipponta lejn l-attache case) Imma inti diġa .....

(Jitfaċċa Loretu fil-bieb tal-Posta b'baġalja kbira)

LORETU — Din kbira bizzejjed ?

PERALTA — Naħseb. Xi tgħid Mose ?

MOSE — (Jkun ser jgħid xi ħaġa b'rabja imma jerġa jibdilhu u jikkalma. Il-file ikun għadu f'idejħ)

LORETU — Issa x'ngħamlu jekk l-oħrajn iġibulek affarijiet kbar u jkolna bżonn waħda akbar ?

PERALTA — Skond id-daqqa nisfnu Loret. Mela sbatax il-xelin u nofs għidtli hux tassew ?

LORETU — Ħudha bħala rigal minn għandi. Bis-saħħa tiegħek se jiżdied in-negozju fir-raħal u minn dan jien ser ingawdi wkoll.

PERALTA — (Jgħati ħarsa lil Mose) Ma kellekx xi trida Loret.

LORETU — Ħaġa żgħira, ħaġa żgħira.

(Peralta jiftaħ il-bagoll il-kbir u jpoġġi l-perzuta u l-laring fiħ, wara jiftaħ l-attache case, joħroġ il-flixkun whisky, u jpoġġiħ ħdejn il-perzuta. Jinżel għarkubtejħ u jgħalaq il-bagoll.

Il-Kaptan Portelli, Mananni, Rozina u Gerit jidħlu mix-xellug bir-rigali tagħhom. Il-Kaptan għandu żewġ flixken whisky u xi żewġ flixken spirtu ieħor f'idejħ; Gerit għandha żewġ pakketti li wieħed ikun hemm fiħ il-ġbejniet friski u l-ieħor tadam imqadded; Rozina żewġ flokkijiet tas-suf b'kuluri skuri, x'aktarx għan-nisa milli għall-irġiel u Mananni jkollha xkora f'ida li jkun hemm ġo fiha xi fenek jew serduq.

Jidħlu f'pandimonju sħiħ jimbuttaw lil xulxin min imur għand Peralta l-ewwel. Rozina u Gerit kontra Mananni u l-Kaptan.)

GERIT — Ersaq lura int għax naqsamlek dawk il-flixken fuq rasek.

PORTELLI — Ġbejniet biss ġibtlu ja xaħħieħa. Dawk ma jiswewx flus ....

ROZINA — Ara sur Peralta jiena ġibtlek xi ħaġa li sservik ħafna aktar minn dak l-ikel u xorb li ġabulek l-oħrajn.

MANANNI — Sinjur, jien ġibtlek żewġ żrameġ, u li kont minnek nammarhom u tiftaħ negozju żgħir tbiegħ il-fniek ...

(Dawn il-passaġġi jistaw jittawlu kif meħtieġ, waqt li l-erba li huma jduru madwar Peralta. Loretu jħares lejhom u jidħaq filwaqt li Mose jħares b'rabja u disappuntament.)

PERALTA — (Jipprova jevithom u ma jaċċetta ebda rigal) Imma din korruzzjoni esegerata. Le jiena ma nista naċċetta xejn, anzi nirrifjuta li naċċetta xi ħaġa. Għarukaża.

PORTELLI Il-flixkun l-ieħor kien riġal u dawn ukoll.

ROZINA Dan ħudu souvenier taż-żjara li għamilt f'Għawdex.

GERIT U l-istess dawn.

MANANNI Jiena nippreferi mmut milli niccappas bil-korruzzjoni. Ħa kulhom !

PERALTA La darba taccertawni li dawn l-affarijiet kollha minthomx qedhin tgħatuhomli biex tixtruni bihom, imma sempliciment bħala rigali żgħar biex nibqa niftakar fikhom meta mkun Malta, allura naccetthom u nirringrazzjakhom minn qalbi għal ġentilezza tagħkhom. (Jitfa kollox fil-bagoll)

LORETU Issa jkun interessanti li nkunu nafu x'ser jiġri rigward it-triq.

PERALTA La ngħalaq dan il-bagoll sew inkun nista nkellimkhom sew.

LORETU Mhux għax jimpurtani, imma naħseb li tgħaddi minn fejn tgħaddi t-triq, in-negozju għandu jikber sew hawn ir-raħal.

ROZINA (Lil Gerit) Aħna se nirbħu żgur. Mela ftit fliexken xorb u żewġ zrameg jiswew aktar minn dak kollhu li tgħajnieħ aħna ?

GERIT Mhux jekk is-sur Peralta huwa r-raġel li naħseb li hu.

MANANNI Mur ara dak il-flokk tas-suf kemm libsuħ u neżawħ turisti qabel ġabitu għalik.

PORTELLI Sur Peralta, tista tgħidilna x'decizjoni wasalt għaliha ?

PERALTA (Iqum bil-wieqfa wara li jkun qafel kollox fil-bagoll) Naħseb li se tieħodli naqra żmien biex niddeciedi, imma nista niżgurakhom li se ngħamel l-aħjar li nista.

ROZINA Għal min minnha ?

PERALTA Dak ma nistax ngħidu għal issa. Dawn huma rigali hux tassew u mhux biex tixtruni bihom ?

PORTELLI Tiegħi riġal żgur. (L-oħrajn kollha jikkonfermaw)

PERALTA Jiena hekk ħsibt. (Iħares lejn l-arloġġ t'idu) Issa skużawni għax itrid nilħaq il-vapur ta' l-aħħar għax tgħidx kemm nixtieq immur nara lil-mara u lit-tewmin il-ġodda.

MOSE Jekk trid inwasslek sal-vapur sur Peralta, bil-qalb kollha.

MANANNI Din x'hini jekk mhux korruzzjoni. (Lil Portelli) Irid imur joqgħod ifesfislu f'widnejh waħdu !

PORTELLI Trid titfa ftit bżar fl-għajnejn, Mose ?

MOSE Lanqas xejn. Is-sur Peralta jaf li din mhix korruzzjoni. Dan huwa biss gest ta' rispett, mhux hekk sur Peralta ? Imxi ħa mmorru li ma tmurx titlef il-vapur u ma tarax it-tewmin illejla !

(Peralta incert minn dak li għandu f'moħħu Mose, joħroġ miegħu mix-xellug)

MANANNI (Tgħajjat lejn id-direzzjoni minn fejn ħarġu Peralta u Mose) Tantx tavdaħ isuq lil Mose, Sur Peralta, aħjar tinżel bil-mixi.

PORTELLI Mose għandu xi ħaġa f'moħħu. Il-ħarsa fuq dak il-wicc ikraħ li għandu tikxfu.

Jidhol Mose

(Mose jerġa lura)

MOSE Kont għoddni nsejt (Jgħati l-ittra lil Rosina) Rozina int għidtli li kont iblaħ li ma naqrax l-ittri li jkolli, u

int Luret għidtli li għandi naqrahom sa l-aħħar kelma.

(Rozina tieħu l-ittra filwaqt li Mose joħroġ mix-xellug)

PORTELLI Għidtilkhom jien, li Mose għamel xi waħda minn tiegħu.

ROZINA (Taqra l-ittra) Jien ma jien nara xejn stramb f'din l-ittra.

GERIT (Li tkun qedha taqra l-ittra magħha) L-anqas jien.

LORETU Għatuha ftit lili. (Jieħu l-ittra)

MANANNI Qal xi ħaġa fuq l-aħħar linja. X'hemm fl-aħħar linja ?

LORETU Il-firma tal-Perit Peralta Manann. (Lil Portelli) Ha aqra int wkoll Kaptan.

PORTELLI Tgħid għal dan l-iżball kien qirgħed jgħid Mose ? Harsu naqra lejn l-irħula minn fejn ser tgħaddi t-triq.

ROZINA Ha nara. Mil-Imġarr ....

GERIT Sar-Rabat.

PORTELLI Harsu naqra sew.

MANANNI Iva ħarsu naqra sew u għaqtawli din il-kurzita kollha.

LORETU Dak mil-Imġarr sar-Rabat ta' Malta u mhux t'Għawdex.

ROZINA Imma allura din nasba.

PORTELLI U Mose kien jaf b'kollox.

MANANNI Allura mhux se jkolna triq ġdida ?

LORETU F'Għawdex le, imma f'Malta iva.

ROZINA Ħabat tajjeb għax jien ma ridt l-ebda triq ġdida fir-raħal.

GERIT L-anqas jien.

LORETU Kemm inthom boloħ, tgħajtuħ dawk l-affarijiet kollha u imlejtulu bagoll għal xejn. (Jiftakar) Il-bagoll tiegħi !

ROZINA U Mose kien jaf b'kollox.

GERIT Mose wkoll waqa fin-nassa għax dak taħ koxxa ta' perżuta u ġewlaq mimli laring.

MANANNI Taħsbu li dak mhux se jeħodhom lura talli mar iwasslu sal-vapur ?

ROZINA U lili seraqli dawk iż-żewġ ġerżijiet li domt biex ftaqt il-qodma xahar u xahrejn biex ergajt ħdimthom.

PORTELLI Lili selaħli ħames fliexken xorb.

MANANNI U jien kont qedha rrabbi dawk iż-żrameg għal l-Għid biex marru spiccaw għand dak l-impecpec.

JIDĦOL MOSE

(Jinstema Mose jgħajjat minn ġewwa)

MOSE Kaptan, Luret ...

LORETU Dan mhux Mose qed jgħajjat ?

MANANNI Hadlux il-karozza wkoll dak il-perit ?

GERIT Jiena naħseb li Mose wkoll baqa b'xejn, għax idu f'idu ġej.

LORETU Imma min dak il-ħin s'issa ma setax ikun li wasal sal-vapur u ġie lura.

(Jidħol Mose jidħaq)

MOSE Indunajtu x'gara hux ? (Kwiet) Ma hu se jkolna ebda triq ġdida fir-raħal. U jekk jiena kont ħmar għax ma qrajtx l-ittra tiegħi sa l-aħħar, inthom kontu aktar boloħ għax

ippikajtu bejnit hom min se jxaħħmu l-aktar.

GERIT Jien riġal li tajtu u mhux biex inxaħħmu.

MOSE Kollox sew - rigali.

ROZINA Aħfirli Mose li għaġġilt daqshekk u għajjartek ħmar.

LORETU Jiena wkoll.

MOSE Għandi naħseb li qlajtu ftit stejjer dwari mhux ħażin sakemm inżilt mas-Sur Peralta eħ ?

GERIT Le, le, l-anqas kelma waħda (Iddur fuq l-oħrajn) hux veru ?

ROZINA Għadna kemm int inteligenti biex indunajt qabilna.

MOSE Inteligenti aktar milli taħsbu inthom. Xi tgħidu kieku kelna mmorru xalata flimkien sax-Xlendi ?

MANANNI Xalata ?

LORETU U ngħid jien din ix-xalata kif ħlomt biha ?

ROZINA Mela billi tinżel sax-Xlendi u toqgħod hemm fija xi xalata ?

GERIT Biex tkun mort xalata u verament tgħid li ħadd ġost trid tmur għal ġurnata u tiehu ikel miegħek ta' gimgħa sħiħa.

MOSE Għall-ikel tħabblux rask hom, naħseb għaliħ jien. Mela jekk ikolna żewġ żrameġ; koxxa tal-perzut; tuzzana ġbejniet friski; ġewlaq laring; tadam imqadded u ħames fliexken xorb ma ngħamlux xalata mill-aqwa ?

PORTELLI (Kuntent) Dawn kollha qedhin għandek ?

LORETU Irnexxielek tieħodomlu ?

MOSE (Kburi) Loret, mur ġib il-bagoll tiegħek mil-karozza.

(Portelli u Loretu joħorġu jiġru mix-xellug)

ROZINA Tassew ħaqqek li jismek Mose, għax illum salvajtna minn ħallie l fin.

MANANNI U kif irnexxielek ? (Jaslu lura Portelli u Loretu bil-bagoll

MOSE Mela ftit wara li tlaqt minn hawn il-karozza waqfitli u ma riedet ticcaqlaq b'xejn, u peress li kien sar ħafna ħin għall-vapur, is-Sur Peralta kien fuq ix-xwiek biex ma jitilfux. Tridu tarawħ jipprova jirkeb ma dak jew ma l-ieħor imma kollu għal xejn. Fl-aħħar tfaccat truck tal-ġebel u rikeb miegħu u ħalla l-bagoll warajħ. Ħaġa ta' l-għaġeb, hekk kif telaq hu, il-karozza startjat u ġejt lura hawn. (Kullħadd jidħaq waqt li jinstema l-ħoss ta' telephone icempel fil-Posta u Loretu jmur jiġri biex jirrispondiħ)

Telephone bell

MANANNI Mela allura dawk l-irġiel li ġew ma dak il-perit biex ikejlu qedhin ikejlu kollox għal xejn.

ROZINA Mela x'hinu msieken. Tridx immorru u ngħatuhom l-aħbar bil-mod.

(Joħroġ Loretu mil-Posta)

LORETU Cempel xi ħadd għas-sur Peralta biex jinfurmaħ li l-żball sar fejn tniżżlet il-kelma Malta minflok Għawdex u li triq mill-Imġarr sar Rabat f'Għawdex ser issir żgur u kollox jibqa kif kien ippjanat, jiġifieri li jgħaddu minn nofs il-ġnien tal-laring ta' Mose.

(Rozina u Gerit jifirħu b'Mose waqt li Portelli u Mananni jipprotestaw)

P O R T I E R A M A L A J R